MINUTI

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ (Għawdex)**

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 23/2020

It-Tlieta, 27 ta' Ottubru 2020

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fil-5.15 ta' wara nofsinhar.

PREŻENTI:
Is-Sur Nicky Saliba – Sindku
Dott. Marlene Cini – Viċi Sindku
Is-Sur Daniel Cordina - Kunsillier
Is-Sinjura Sandra Grech – Kunsilliera
Is-Sur Baskal Saliba - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

ASSENTI:

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Is-Sur Neville Galea – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku s-Sur Nicky Saliba.

### 23.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

23.1.1 Il-membri kollha kienu preżenti għal-laqgħa.

### 23.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

23.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-nru. 20/2020 u tal-laqgħa b'urġenza nru: 22/2020 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

23.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti.

23.2.3 Ma' kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

23.2.4 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti nru. 20/2020 u 22/2020, u staqsa għal dawk li kienu favur, kontra, jew li ser jastjenu. Kulħadd kien favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

### 23.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

23.3.1 Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba beda billi rringrazzja lis-Sur Neville Galea għas-servizz tiegħu bħala Segretarju Eżekuttiv mall-Kunsill u awguralu suċċess mal-Kunsill Lokali tal-Fontana. Awgura ukoll lis-Sna. Odette Camilleri għal ħatra tagħha bħala Segretarju Eżekuttiv mal-Kunsill taż-Żebbuġ.

23.3.2 Is-Sindku awgura ukoll lil Isqof Emeritu Mario Grech għall-ħatra tiegħu bħala Kardinal.

23.3.3 Is-Sindku, s-Sur Nicky Saliba qal li l-AED li ġew mogħtija mir-Reġjun t'Għawdex waqt serata ta' preżentazzjoni għandhom

jitwaħħlu waħda ma' l-għassa fi Pjazza l-Assunta u l-oħra ma' l-għassa ta' Marsalforn.

23.3.4 Is-Sindku informa lil dawk preżenti illi l-latrina tax-Xwejni lesta u nfetħet. Hu informa li l-Ministru għal Għawdex ma jistax jattendi għal ftuħ uffiċċjali tagħhom. Il-membri qablu li għandha ssir plakka ta' l-okkażżjoni.

23.3.5 Is-Sindku informa lil Kunsill li fuq talba tal-Arċipriet tnaddaf iċ-ċimiterju kif ukoll tneħħew il-qsari li kien hemm u tpoġġew fi Triq il-Qolla l-Bajda, ħdejn il-Horizon.

23.3.6 Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba rringrazzja lil Ministru għal Għawdex l-Onor. Clint Camilleri tax-xogħlijiet li saru fi Triq iż-Żebbuġ. Il-membri qalu li hemm bżonn li jsiru appromorti mal-liwja u is-Sur Cordina qal li hemm ħajt qed jinbeżaq.

23.3.7 Is-Sindku qal li hemm bżonn li titneħħa l-kalata li hemm fi Triq ta' Ċenċ 'il fuq peress li qed iżomm l-ilma.

23.3.8 Is-Sindku informa wkoll lil membri preżenti li l-*Club* tal-Futbol talbu lil Kunsill *track suits* għal *players* u ħamest iblalen. Kien hemm qbil minn dawk preżenti li l-Kunsill jidħol f'kollaborazzjoni mal-*club* u jinxtraw.

23.3.9 Is-Sindku nforma lil membri li ltaqa' mas-Sur Joseph Bonello mid-Dipartiment ta' l-Agrikoltura peress li hemm xi siġar taż-żebbuġ qed jinxfu. Is-Sur Bonello informah illi dawn għandhom bżonn xi sustanzi.

23.3.10 Is-Sindku, is-Sur Nicky Saliba qal li l-muturi u l-*plugs* tad-dawl ta' taħt il-funtana tal-Qbajjar Promenade qed jixxarbu u hemm bżonn ukoll isir *membrane* mal-funtana. Qal ukoll li l-ħajt tal-Qbajjar għandu bżonn jingħata l-*liquid membrane*. Kien hemm qbil.

23.3.11 Is-Sindku nforma lil preżenti li fis-salini tax-Xwejni saru xi bibien biex tingħalaq il-mogħdija. L-Avukat tal-Kunsill ta' parrir li s-sidien għandhom iġibu prova bil-miktub li hi tagħhom.

23.4 **Aġġudikazzjonijiet ħruġ sejħiet għall-offerti**

23.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri tal-Kunsill illi b'kollox ħarġu sitt offerti kif indikat hawn taħt u se jkunu iffinanzjati mill-UIF:

- [ZGLC/05/2020] *Tender for the Supply and installation of Decorative Luminaires in Triq Għar Qawqla, Marsalforn;*
  Din għandha terġa tinħareġ peress li l-bord t'aġudikazzjoni propona li ma tingħatax peress li l-uniku offerent ma tefax l-informazzjoni meħtieġa.

- [ZGLC/06/2020] *Tender for the Supply and installation of Decorative Luminaires in Triq il-Wied, Marsalforn;*
  Din għandha terġa tinħareġ peress li ma kienx hemm offerenti.

- [ZGLC/07/2020] *Tender for the Supply and installation of Decorative Luminaires in Triq id-Duluri, Marsalforn;*
  Din għandha tiġi mogħtija fuq rakkomandazzjoni tal-bord ta' agudikazzjoni, iżda għad jonqos xi klarifika żgħira minn naħa tal-kuntrattur.

- [ZGLC/08/2020] *Tender for the Supply and Installation of Decorative Luminaires in Triq il-Qolla s-Safra, Marsalforn;*
  Din għandha terġa tinħareġ peress li ma kienx hemm offerenti.

- [ZGLC/09/2020] *Tender for the Supply and Installation of Decorative Luminaires in Triq Santa Marija , Marsalforn;*
  Din għandha terġa tinħareġ peress li ma kienx hemm offerenti.

- [ZGLC/10/2020] *Tender for the Removal of Existing Railing and Installation of a new PVC Railing at Triq Għar Qawqla, Marsalforn.*

Kien hemm tlett offerenti u ser tingħata lil irħas wieħed fuq rakkomandazzjoni tal-bord t'aġġudikazzjoni.

Is-Sindku informa lil preżenti illi fil-*playing Field* sar l-ewwel saff ta' konkos. Qal ukoll li kellhom jiltaqgħu l-kuntrattur u l-kuntrattur tad-dawl biex titpoġġa x-xibka u jingħaddew il-*cables* tad-dawl u l-konnessjonijet tal-*irrigation system.* Is-Sindku kompla jgħid li issa ix-xogħol fil-*playing field* ser jgħaddi għat-tieni fażi. Il-membri qablu li minflok jitpoġġa tank għal l-ilma ikun aktar għaqli li tinkesa sew il-ġibja.

23.5 Milied 2020

23.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil preżenti li ġabar stima mingħand il-Kuntrattur bħas-sena l-oħra. Il-preżenti ġew infurmati illi biex isiru tmien festuni dekorattivi fil-Pjazza taż-Żebbuġ hu stmat li l-ispiża tkun €1400 waqt li l-ispiża għal triq il-Qbajjar u żewġ siġriet hi ta' €1200. Is-Sur Daniel Cordina u s-Sna Sandra Grech qalu li s-sena l-oħra d-dawl ġewwa Marsalforn ma kienx sew peress li kien hemm xi stillel ma jixgħelux. Il-membri qablu li għandhom jiġu mżejna il-Menqa, Triq il-Qbajjar u fejn il-venda. Qablu wkoll li d-dawl tat-tiżjin jinxtegħel fl-1 ta' Diċembru 2020 jekk ma jkunx hemm xi problema minħabba it-*temporary metre.* Is-Sindku għandu jiltaqa' mal-Kuntrattur f'dan ir-rigward. Qablu wkoll li għandu jsir l-armar li s-soltu jarmaw fi żmien il-Milied l-Għaqda ta' l-Armar.

23.5.2 Is-Sindku nforma lil preżenti li r-Reġjun t'Għawdex propona li jinħareġ il-kor tar-raħal u jkanta *carols* tal-Milied madwar it-toroq. Is-Sur Daniel Cordina li hu tal-fehma li biex tinħoloq aktar atmosfera tal-Milied għandhom jissejjħu madwar ħames bandisti biex idoqqu madwar il-lokalita'. Is-Sur Baskal Saliba ippropona wkoll li l-*Club* tal-Futbol jistgħu jieħdu ħsieb ix-Xiħ tal-Milied biex idur iqassam r-rigali u ħelu fid-djar. Dr Marlene Cini pproponiet li ssir kompetizzjoni ta' *Christmas Bookmark* u l-parteċipanti jibgħatu r-ritratti fuq *Facebook* tal-Kunsill. Il-membri qablu li jekk ma jkunx hemm xi restrizzjonijiet minħabba l-Covid-19 dawn għandhom jerġgħu jiġu mitkelma.

## 23.6 Laqgħa rigward il-ġbir ta' l-iskart ġewwa Marsalforn

23.6.1 Is-Sindku informa lil membri illi jħoss li l-laqgħa li saret filgħodu fl-istess jum fil-lukanda Calypso mas-sidien tar-Restoranti u l-ħwienet tax-xorb kienet waħda pożittiva. Kien hemm qbil bejn iż-żewġ naħħat li titħallas miżata ta' €3 kuljum sabiex isir il-ġbir ta' skart tar-restoranti. Is-Sur Daniel Cordina qal li dan kien pass għaqli minn naħħa tal-Kunsill u rringrazzja lis-Sindku, s-Sur Nicky Saliba ta' l-inizjattiva. Din il-laqgħa wriet fil-fatt kemm il-membri kif ukoll is-sidien iħobbu l-lokalita' u hi ferm apprezzata il-ko-operazzjoni tas-sidien għal laqgħa kordjali li saret.

## 23.7 Mistoqsijiet/Suġġerimenti mill-Kunsilliera.

23.7.1 Il-Viċi Sindku Dott. Marlene Cini ressqet dawn il-punti:

- Ressqet talba sabiex tinżabar palma li ħierġa mid-dar tal-patrijiet 'Stella Maris'.

- Ressqet talba sabiex issir lasktu ma' tappiera fi Triq Għajn Mhelhel peress li kull darba li tintrifes mill-karozzi qed tħabbat. Kien hemm qbil.

- Ressqet talba sabiex jekk jista' jkun isir il-*water culvert* ta' Triq il-Madonna taċ-Ċiċċri. Is-Sindku informa lil Dott. Cini li dan huwa parti mix-xogħlijiet li qed jagħmel il-Ministeru għal Għawdex.

- Staqsiet x'ġara fuq il-*water culvert* Ta' Barda. Is-Sindku wieġeb li mar jiċċekja u rriżulta li l-grada ma tinqalax, kompla jgħid illi dan il-*culvert* eżistenti mhux jirċievi biżżejjed ilma peress li t-triq maqluba bil-kontra. Ghalhekk kien hemm qbil bejn il-membri jekk ma jkunx hemm spejjes kbar li għandu isir *culvert* differenti li jilqa' l-ilma u għalhekk titnaqqas il-problema li l-ilma jidħol fil-garaxxijiet.

- Ressqet talba sabiex titnaddaf b'gaffa Triq Ta' Milied bħal ma jsir is-soltu. Is-Sindku informa li mhux possibli jitnaddaf peress li hemm xi problemi.

- Talbet lis-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Neville Galea sabiex jagħtiha rendikont tal-kontijiet pendenti sabiex ikun jista' jiġi determinat jekk jistgħux isiru proġetti kapitali ġodda.

23.7.2 Il-Kunsillier is-Sur Daniel Cordina ressaq dawn il-punti:

- Sabiex jinxtara b'€50 petrolju sabiex jinxtegħlu l-fjakkli għax-xahar ta' Novembru bħal ma jsir kull sena. Kien hemm qbil.

- Talab sabiex jerġa jsir *refreshing* tas-sinjali tat-traffiku fejn il-Plajja. Kien hemm qbil.

- Issuġerixxa sabiex issir talba lil Ministeru għal Għawdex sabiex fil-Menqa isiru ħames parkeġġi u parkeġġ ieħor għal Persuni b'Diżabilita'.

- Issuġerixxa sabiex il-Kunsill jipprova jgħin lir-restoranti tal-Menqa sabiex jinħarġilhom il-permess tat-tined malajr kemm jista' jkun u jekk hemm bżonn il-Kunsill ikellem lil Ministeru għal Għawdex f'dan ir-rigward.

- Talab sabiex terġa ssir *reminder* lil Ministeru għal Għawdex sabiex issir aktar pressjoni biex tinkesa mill-ġdid Triq Santa Marija.

- Tenna li wasal iż-żmien li l-latrina tal-Menqa li taqa' taħt il-Ministeru għal Għawdex tiġi magħluqa mmedjatament peress li qed tkun fi stat maħmuġ ħafna. Talab biex tintbgħat korrispondenza lil Ministeru għal Għawdex biex tingħalaq malajr kemm jista' jkun u jinbeda' xogħol ta' tisbiħ fiha.

- Talab sabiex issir pressjoni mal-Ministeru għal Għawdex sabiex jinbeda' x-xogħol fuq il-*breakwater* ta' Marsalforn. Kompla jgħid illi dan ix-xogħol ilu imwiegħed minn gvern preċedenti u dejjem isiru l-istudji fuqu iżda x-xogħol ma jinbeda' qatt. Il-*breakwater* imkisser qed joħloq inkonvenjenza lir-restoranti ta' Triq il-Port u lis-sajjieda peress li ma għandhomx kenn mill-qilla tal-baħar.

- Talab sabiex isiru *double yellow lines* quddiem garaxx fi Triq Manuel Magro. Il-membri qablu li għandu jintalab il-permess ta' Transport Malta.

- Talab sabiex Sqaq Quċċat jitnaddaf peress li qed ikun hemm ħafna ħmieġ ta' boroż u ħaxix ħażin. Is-Sindku informah illi mar mal-kuntrattur Richard Axiaq biex jaqta' l-ħaxix pulit u jitneħħa l-ġebel minn nofs.

23.7.3 Il-Kunsilliera s-Sinjura Sandra Grech ressqet dawn il-punti:

- Talbet sabiex isiru sinjali tal-parkeġġ fi Triq Għar Qawqla u Triq Xagħra. Il-membri qablu li għandha ssir pjanta mill-Perit tal-Kunsill u tintbgħat għal approvazzjoni ta' Transport Malta.

- Talbet sabiex il-Menqa ssir zona pedonali. Is-Sindku wieġeb li d-deċiżjoni għandha tittieħed mill-Ministeru għal Għawdex.

- Issuġeriet li iż-żebra *crossing* fejn il-Lantern isirilha *refreshing.* Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li ġa bgħat talba lil Ministeru għal Għawdex.

- Issuġġeriet ukoll li jsiru tabelli bin-numri ta' emerġenza li għandhom jitwaħħlu ma' l-għasses kemm taż-Żebbuġ kif ukoll ma ta' Marsalforn.

- Talbet sabiex issir *zebra crossing* ġdida fil-bidu ta' Triq Marsalforn.

- Issuġġeriet li fil-kantuniera 'il fuq mill-Kartell isiru il-*bollards.* Għal dawn għandu jintalab il-permess ta' Transport Malta.

- Daħlilha ilment sabiex jinżebgħu r-railings ta' fejn l-Otters u ssir *gate*. Kompliet tgħid illi għandha ssir manutenzjoni ukoll tas-sellum ta' fejn l-Otters. Is-Sindku żied jgħid illi għandha tinġibed ukoll l-attenzjoni tal-*Public Cleansing Section* sabiex ikompli jinżebagħ ir-*railing* tal-Qbajjar.

- Daħlilha ilment rigward grada ta' entratura ta' dar fi Triq Livorna dejjem miftuħa u li qed tostakola l-bankina pubblika. Il-membri qablu li għandha tintbgħat ittra lil sid id-dar f'dan ir-rigward.

23.7.4 Il-Kunsillier s-Sur Baskal Saliba ressaq dawn il-punti:

- Informa lil dawk preżenti li fejn il-Gabbiano hemm bżonn li ssir *sleeping police* minħabba s-sewqan eċċessiv.

- Talab sabiex fil-bidu ta' Triq Oniċi isiru tabelli tad-*Dead End*. Is-Sindku propona wkoll li għandha tinbidel ukoll it-tabella tal-*one way*. Kien hemm qbil.

- Talab sabiex isir *water culvert* fi sqaq fejn Triq Għajn Melhel peress li qed iżomm ħafna ilma.

- Ġibed l-attenzjoni illi l-ħajt fi Triq Frank Debono għadu ma sarx. Il-membri qablu li għandha tintbgħat korrispondenza lis-sid sabiex fi żmien għoxrin ġurnata tax-xogħol dan jinbena'. Jekk jonqos milli s-sid jieħu azzjoni ġie deċiż li dan il-ħajt jinbena' mill-Kunsill u l-kont jintbgħat lis-sid.

- Issuġerixxa li jsiru kameras ta' sigurta fil-Menqa u Triq il-Port ġewwa Marsalforn minħabba l-vandaliżmu u l-abbużi li jsiru fis-sigħat ta' filgħodu. Il-membri qablu li għandha tintbgħat korrispondenza lil Ministeru għal Għawdex f'dan ir-rigward.

- Ġibed l-attenzjoni tal-preżenti illi hemm bżonn li jitwalu id-*double yellow* line li hemm fil-bajja tax-Xwejni. Ġie nnotat illi billi l-karozzi qed jiġu pparkjati ż-żewġ naħat tat-triq dan qed jikkaġuna li żewġ karozzi ma jgħaddux ma xulxin. Il-membri qablu li għandha tintalab l-approvazzjoni ta' Transport Malta.

23.8 **Korrispondenza, ilmenti / suġġerimenti**

23.8.1 Korrispondenza mill-Uffiċċju tal-President rigward il-*Poinsettias Campaign*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

23.8.2 Korrispondenza mid-DLG rigward *Housing for migrants and refugees draft pubblication.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

23.8.3 Korrispondenza mis-Soċjeta' Filarmonika Santa Marija rigward għeluq ta' Triq ix-Xwejni minħabba produzzjoni mużikali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

23.8.4 Korrispondenza mid-DLG rigward integrazzjoni u rijabilitazzjoni ta' tfal li rritornaw mill-istat Iżlamiku. Il-Kunsill innota l-kontenut.

23.8.5 Korrispondenza mill-AKL rigward assistenza mill-Kunsilli Lokali – Skejjel Primarji fil-lokalita'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

23.8.6 Korrispondenza mid-DLG – EU affairs rigward LIFE Webinars. Il-Kunsill innota l-kontenut.

23.8.7 Cir AKL 2020/110 ADHD Awareness Month October. Il-Kunsill innota l-kontenut.

23.8.8 *Korrispondenza minn Newsbook rigward Triq il-Qbajjar.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

23.8.9 Korrispondenza mir-Reġjun Għawdex rigward Bye-Laws Reġjonali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

23.8.10 Korrispondenza u stima mingħand il-Perit tal-Kunsill rigward il-*playing field* fejn ser issir *merry go round (wheelchair roundabout)* li tkun aċċessibli għal kulħadd. Il-membri qablu li jsir dan l-apparat. Il-Kunsill għadu qed jistenna l-approvazzjoni mis-CRPD.

23.8.11 Korrispondenza mid-DLG rigward laqgħat tal-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

23.8.12 Korrispondenza mill-AKL rigward l-iskeda tal-*vaccination*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

23.8.13 Cir AKL 2020/114 The Building and Construction Agency. Il-Kunsill innota l-kontenut.

23.8.14 Korrispondenza mill-PA rigward PC0048/20 site fi Triq Skapuċċini. Il-membri ma sabux oġġezzjoni.

23.8.15 Korrispondenza minn Newsbook rigward xoghol ta' demolizzjoni fi Triq il-Kanun. Il-Kunsill innota l-kontenut.

23.8.16 Korrispondenza mill-AKL rigward Assigurazzjoni u Saħħa u Sigurta' fuq il-post tax-xogħol. Il-Kunsill innota l-kontenut.

23.8.17 Korrispondenza mill-PA rigward avviż ta' infurzar fi Triq ta' Sruġ. Il-Kunsill innota l-kontenut.

23.8.18 Korrispondenza mid-DLG rigward Konnessjonijiet diġitali tad-data ġodda pprovduti mill-MITA. Il-Kunsill innota l-kontenut.

23.8.19 Korrispondenza mill-EU & International affairs rigward interrag MED Programme 2014 – 2020. Il-Kunsill innota l-kontenut.

23.8.20 Cir AKL 2020/17 – Laqgħat tal-Kunsilli Reġjonali u Kunsilli Lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

23.8.21 Korrispondenza mill-EU & International Affairs rigward 3rd edition of the Istanbul Environment Friendly City Award. Il-Kunsill innota l-kontenut.

23.8.22 Korrispondenza minn għand id-Direttur J Cutajar rigwad l-iskema għal Kunsilli Lokali għal outdoor gym assistance. Il-membri qablu li l-Kunsill għandu jipproponi li jsir *outdoor gym* fil-*promenade* tal-Qbajjar.

23.8.23 Cir AKL 2020/121 – President's Fun Walk 2020. Il-Kunsill innota l-kontenut.

23.8.24 Ġiet preżentata kwotazzjoni għal maskli tal-wiċċ bl-arma tal-Kunsill. L-orħos stima għal 500 maskla hu €2000. Il-membri qablu li dawn il-maskli għandhom jitqassmu lir-residenti kollha taż-Żebbuġ u Marsalforn inkluż it-tfal. Għandha tinġabar lista' u jiġu ordnati.

23.8.25 Korrispondenza mill-AKL rigward nota tal-kunsinna għall-Kunsilli

Lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

23.8.26 Korrispondenza mill-EU & International Affairs Unit rigward l-URBACT Malta Newsletter. Il-Kunsill innota l-kontenut.

23.8.27 Korrispondenza rigward Premju Nazzjonali Ħaddiema tas-Sena. Is-Sindku, s-Sur Nicky Saliba ppropona u s-Sur Daniel Cordina ssekonda li jiġu nominati s-Sna Frances Cefai u s-Sur Marlon Sultana. Il-membri qablu.

23.8.28 Korrispondenza mill-PA rigward PA/03117/19 – sit fi Ta' Srul. Il-Perit tal-Kunsill informa lil Kunsill li s-seduta ġiet deferita għat-2 ta' Frar 2021.

23.8.29 Korrispondenza mill-Ministeru għal Għawdex rigward l-Inawgurazzjoni tal-Menqa fejn il-Kunsill ġie infurmat illi l-Erbgħa, 4 ta' Novembru ser ikun għaddej bil-preparamenti tal-armar minħabba l-inawgurazzjoni tal-5 ta' Novembru 2020. Is-Sur Cordina sostna li għandha ssir aktar kooperazzjoni mill-Ministeru għal Għawdex mal-Kunsill.

23.8.30 Korrispondenza rigward PA 6311/20. Is-Sur Daniel Cordina iddikjara konflitt ta' interess u għalhekk ħareġ mill-kamra sakemm tiġi diskussa. Il-Kunsill iħoss li għandu joġġezzjona biss jekk ikun ser jinbena xi bini ġdid mal-kamra li diġa hemm.

23.8.31 Korrispondenza rigward PA2452/20. Il-Kunsill diġa oġġezzjona u żamm l-istess pożizzjoni.

23.8.32 Rigward l-offerta ta' Ħitan tas-Sejjiegħ il-membri qablu li għandha terġa tintbagħat *change request* sabiex naraw tiġiex aċċettata.

23.8.33 Ilment Nru. 79/2020
Jitlob sabiex jingħata kompensazzjoni talli l-mara tiegħu waqgħet fi Triq il-Wied, Marsalforn. Il-membri qablu li wara li saret verifikazzjoni, l-Kunsill ġie nfurmat li t-toroq ma jaqgħux taħt ir-responsabilita' tal-Kunsill.

23.8.34 Ilment Nru. 89/2020

Titlob sabiex issir tabella *both ways* quddiem Blue Jade Triq Sta Marija fejn hemm l-iskips għax il-karozzi jibqgħu ġejjin *wrong way* minn naħħa tal-Qbajjar għal Otters. Il-membri qablu. Talbet ukoll biex isiru *bars* tal-ħadid mal-bankina tad-dar tagħha biex ma jkissrux il-bankina. Il-membri ma qablux ma dawn.

23.8.35 Ilment Nru. 90/2020
Il-Calypso Hotel titlob sabiex isir *un/loading parking space* quddiem il-bieb prinċipali tal-lukanda kif ukoll titwaħħal *no parking sign.* Il-membri qablu li għandha tintbgħat korrispondenza lil Transport Malta f'dan ir-rigward.

23.8.36 Ilment Nru. 91/2020
Titlob sabiex tal-linja tibda' titla Triq il-Ponta. Il-membri qablu li għandha tintbgħat korrispondenza f'dan ir-rigward lil Transport Malta kif ukoll qablu li għandha tinġibed l-attenzjoni ta' l-istess Awtorita' illi fi Triq il-Qbajjar hemm bżonn ta' *Bus Shelter* peress li t-tfal ta' l-iskola li jkunu jistennew tal-linja m'għandhomx kenn jekk tkun ix-xita.

23.8.37 Ilment Nru. 92/2020
Talab sabiex issir linja pedonali fi Triq Santa Marija. Il-membri ma' qablux peress li tkun perikoluża għal *pedestrians.*
Talab sabiex Triq Santa Marija jinżebaħ l-*ispeed limit* fl-art ta' 15km/h. Il-membri qablu li jintalab il-permess ta' Transport Malta.
Talab sabiex isiru xogħlijiet ta' tiswija fi Triq ix-Xtut li tagħti għal Triq Manwel Magro u ilmenta ukoll li l-bankini f'din it-triq jiżolqu ħafna. Il-Kunsill innota l-kontenut u ser isiru l-verifiki meħtieġa.

23.8.38 Ilment Nru. 93/2020
Talab sabiex issir mera tat-traffiku fi Triq ix-Xwejni faċċata tal-entratura tal-parkeġġ tal-Qbajjar Restaurant u jsiru tabelli ta' 'SLOW' f'din l-istess kantuniera. Il-membri qablu li għandu jintalab il-permess ta' Transport Malta.

23.8.39 Ilment Nru. 94/2020
Ilmenta dwar id-*double yellow lines* li nżebgħu riċentament mal-ġenb tal-garaxx tiegħu fi Triq il-Knisja. Il-membri qablu li għandu jintalab il-permess ta' Transport Malta sabiex jiqsaru dawn is-

sinjali.

23.8.40 Ilment Nru. 95/2020
Jilmenta illi meta tagħmel ix-xita qed tinħoloq għadira kbira quddiem blokka ta' appartamenti fi Triq il-Madonna taċ-Ċiċċri. Il-membri qablu li l-Kunsill għandu jinforma lir-resident li ser isir xogħol mill-Ministeru f'dan ir-rigward.

23.8.41 Ilment Nru. 96/2020
Talab sabiex rampa tal-bdiewa fiż-żona tad-Dabrani tingħata ftit konkos. Il-membri qablu li din issir imbasta l-ispejjes huma moderati.

**23.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti**

23.9.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 16/2020 għall-perjodu bejn 19 ta' Settembru 2020 u 23 t'Ottubru 2020 li tammonta għal €63,312.67 ġiet approvata u ffirmata.

**23.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

23.9.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fil-7.15 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għat-Tlieta, 24 ta' Novembru 2020 fil-5.15 ta' filgħaxija.

23.9.2 Dawn il-minuti ġew ippreparati flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv ta' dakinhar is-Sur Neville Galea u ġew ippreżentati mis-Segretarju Eżekuttiv il-ġdid, is-Sna. Odette Camilleri

Nicky Saliba
Sindku

Odette Camilleri
Segretarju Eżekuttiv